# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 009

**It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 9.1Qari ta' ittri ta' apologiji;

9.1.1 Is-Sindku qara e-mail li permezz taghha il-Kunsillier Carlo Stivala kien talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika l-assenza tieghu mis-Seduta. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsillier Stivala kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

9.2.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

## 9.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

9.3.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

## 9.4 Twegiebiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.4.1 Ma kienx hemm

## 9.5 Rapporti;

9.5.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Settembru 2019 u stieden lis-Segretarjue Ezekuttiv sabiex jispejega fid-dettall l-istess rapport

9.5.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega l-imsemmi rapport u wiegeb mistoqsijiet tal-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Josette Busuttil issekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Lokali approva unanimament ir-rapport hekk kif gie imressaq waqt is-seduta.

9.5.3 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokumentazzjoni relatata ma' PA02654/19. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss primarjament it-traffiku fi Triq San Patrizju. Wara diskussjoni libera il-Kunsill Lokali ressaq proposta bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jinsisti li Triq San Patrizju u Misrah is-Summit ghandhom jibqghu l-istess kie maqbul bi ftehim verbali mas-Sindku waqt laqghat m' Projects Plus. Is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sindku u kien hemm sebgha voti favur u vot wiehed kontra.

9.5.4 Wara li inghataw dettalji ta' kwotazzjonijiet li kienu ingabru, kien hemm qbil illi kellhom jinxtraw is-segwenti :

- Aircondition Unit ghas-sala tal-Kunsill Lokali ghall-prezz ta' ewro 795 ( l-orhos fost erba' stimi migbura)

- Zewg personal trackers (ghas-servizz ta’ knis) ghall-prezz ta’ ewro 382.32
- Microwave ghall-binja tal-Kunsill Lokali ghall-prezz ta’ ewro 75 ( l-orhos fost hames stimi migbura)
- Karretta ghall-prezz ta’ ewro 49.86 (l-orhos fost erba stimi migbura)
- Mild steel sheets ghall-hofor tal-bollards ghall-prezz ta’ ewro4.60 il-waha (l-orhos fost tliet stimi migbura)>

## 9.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta’ pagamenti

9.6.1 Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 10/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

9.6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Josette Busuttil ssekondata mill-Kunsillier Alexander Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

9.6.3 Is-Sindku ippreżenta r-rapport ta’ nfiq mill-*Petty Cash* għal Settembru 2019 bir-riferenza 9/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

9.6.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsillier Alexander Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

## 9.7 Mozzjonijiet

9.7.1 Ma kienx hemm

## 9.8 Traffiku u Parkegg

9.8.1 Is-Sur Stanley Zammit talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jigi organizaat il-parkegg biswit il-pitch tal-Waterpolo.
Kien hemm qbil illi il-Kunsill Lokali ma kellux isib oggezzjoni ghall-proposta tas-Sur Zammit.

9.8.2 Is-Sur Stanley Zammit talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi f’parti minn Triq San Dwardu ma jkunx permess parkegg.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra lir-residenti dwar il-materja.

9.8.3 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi wara laqgha li l-Kunsill Lokali kellu ma’ rapprezentanti mill-Kumpanija GOTO
Is-Sur Alexander Caruana informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed isegwi l-materja.

9.8.4 Is-Sur Stanley Zammt staqsa jekk kienx possibbli li tintbaghat ittra lill-kumpanija Whizza Scoot bil-ghan illi tingibed l-attenzjoni rigward muturi li l-istess kumpanija kien qieghed b'mod regolari ikollha pparkjati illegalment fil-lokalita'.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Zammit

9.8.5 Is-Sur Stanley Zammit staqsa kienx opportun illi tinzamm laqgha pubblika dwar il-fazijiet finali ta' Sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku fi Triq iz-Zurrieq, Triq Sant'Anglu, Triq Santa Rita u Triq Zarenu Dalli (matul il-hinijiet tal-iskola)
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposti mressqa mill-Kunsillier Zammit.

9.8.6 Is-Sur Stanley Zammit aggorna lill-Kunsill Lokali dwar is-sitwazzjoni ta' bollards orangjo fi Triq Ghar Dalam, liema bollards kienu qieghdin jigu installati minn Infrastructure Malta.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja.

9.8.7 Is-Sur Stanley Zammit talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi fi Triq il-Bandli ma jkunx permess parkegg ghajr ghar-residenti
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-proposta ma kelliex tigi milqugha.

## 9.9 Applikazzjonijiet ta' zvilupp

9.9.1 Ma kienx hemm

## 9.10 Street Lighting

9.10.1 Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta relatata ma' lampa biswit il-klabb tar-regatta
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-proposta tas-sur Zammit.

9.10.2 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jwahhal arblu u lanterna fi Triq iz-Zebbug.
Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-proposta tas-Sur Zammit kellha tigi implimentata.

9.10.3 Is-Sur Stanley Zammit qal illi kien ser ikun qieghed jahdem mal-kuntrattur bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun ipprezentat bi proposta relatata ma' qsim ta' circuits tad-dawl tal-promenade.

## 9.11 Attivitajiet

9.11.1 Is-Sa. Doriana Portelli infurmat lill-Kunsilliera illi applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta b'konnessjoni mal-libreriji kienet giet accettata u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibda' jaghmel l-arrangamenti logistici mehtiega bil-ghan illi l-kontenut taghha jigi implimentat.

9.11.2 Is-Sa. Josette Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tipprepara sabiex hekk kif maqbul nhar it-22 ta' Dicembru 2019 fit-8:00p.m. tinzamm l-attivita' Joys of

Gospel. Filwaqt li tat dettalji ta' dak li kien qieghed jigi mhejji is-Sa. Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tkompli tahdem mal-amministrazzjoni fuq l-attivita'.

9.11.3 Is-Sa. Josette Busuttil qalet illi kienet qieghda tipproponi illi tinzamm attivita' li matulha l-baned tal-lokalita' jaghtu kuncert tal-Milied. L-attivita' kien qieghed jigi propost li tittella' nhar il-15 ta' Dicembru 2019. Kull banda kienet ser tiehu s-somma ta' elf ewro. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu fost il-membri tal-Kunsill Lokali illi l-proposta tas-Sa. Busuttil kellha tigi implimentata.

9.11.4 Wara li nqrat korrispondenza, gie deciz illi ma kelliex tigi milqugha proposta sabiex il-Kunsill Lokali jippartecipa fl-attivita' Young Warriors 2019.

9.11.5 Wara li nqrat korrispondenza, gie deciz illi ma kelliex tigi milqugha proposta sabiex il-Kunsill Lokali jghin finanzjarjament fl-attivita' The end of Summer Weekend Family Festival.

## 9.12 Offerti Publbici u kuntratti.

9.12.1 Is-Sindku ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' dokument ghall-provvista ta' fanali ornamentali ghal Pjazza P.P. Saydon. Wara li s-Sur Stanley Zammit spjega fid-dettall il-kontenut tad-dokument, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti skont id-dokument propost.

9.12.2 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' document ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal xiri ta' bandla 'all inclusive', liema bandla setghet tigi uzata minn persuni li jaghmlu uzu minn siggu tar-roti. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet skont id-dokument propost.

## 9.13 Progetti u Xogholijiet

9.13.1 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali kellha tinhareg sejha ghall-offerti ghall-manutenzjoni fuq bankini.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kellu jigi abbozzat document bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli tinhareg sejha hekk kif propost.

9.13.2 Is-Sur Alexander Caruana staqsa jekk kienx possibbli li l-Kunsill Lokali jipprocedi b'konnessjoni ma' bust ta' San Gorg Preca li dwaru kien hemm process li kien diga' wasal fi stadju avvanzat.
Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir laqgha mal-artist u l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi.

9.13.3 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward l-installazzjoni ta' automated barriers li l-Kunsill Lokali kien qabel li jinstalla.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi fir-rigward ma kien hemm ebda zviluppi.

9.13.4 Is-Sur Stanlet Zammit semma' problem ta' ilma li kien ikun hemm fiz-zona tal-promenade tal-qajjenza kull meta taghmel ix-xita.

9.13.5 Is-Sur Scott Camilleri staqsa jekk kienx ser ikun hemm xi tip ta' follow up ghal condition report li l-Kunsill Lokali kien ircieva rigward Triq l-Imnarja.
Is-Sur Alexander Caruana sahaq illi kien ser ikun qieghed isegwi l-materja.

## 9.14 Binja tal-Kunsill Lokali

9.14.1 Din il-materja giet ezawrita f'seduta numru 8 u ma kienx hemm x'jigi diskuss.

**9.15 Amministrazzjoni**

9.15.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv aggorna lill-Kunsill Lokali bil-process li kien ghaddej ghal ingagg ta' Segretarju Ezekuttiv

9.15.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet talba bil-ghan illi parti mill-amministrazzjoni tibdel il-hinijiet tax-xoghol liema talba huwa hass li kellha tigi diskussa mal-bqija tal-Kunsilliera.
Wara li s-Sindku ghadda dettlaji tat-talba u kien hemm diskussjoni libera, gie deciz illi l-amministrazzjoni kellha tressaq it-talba bil-miktub.

9.15.3 Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi b'relazzjoni ma dak li kien gie diskuss waqt seduta numru 8, huwa kien iddiskuta mad-deputat Segretarju Ezekuttiv illi min-naha tieghu kien infurmah illi n-nuqqasijiet li kienu gew innotati fl-operat tal-iskrivan il-gdid kienu qieghdin jippersistu minkejja li dan kien gie formalment imwiddeb.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-impjieg tal-iskrivan il-gdid kellu jigi tterminat b'effett immedjat. Id-Decizjoni tal-Kunsill Lokali kienet implimentabbli ghall-fatt illi l-istess impjegat kien ghadu taht probation period.

**9.16 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

9.16.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 25 ta' Novembru, 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |